

## IL-QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-29 ta' Ottubru 2009**  
— **Bowland Dairy Products vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-212/06) <sup>(1)</sup>

*(Rikors għal danni — Regolament (KE) Nru 178/2002 — Sistema ta' allarm malajr — Notifikazzjoni Addizzjonali — Kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali — Opinjoni tal-Kummissjoni mingħajr effett ġuridiku — Bidla fis-suġġett tal-kawża — Inammissibbiltà)*

(2009/C 312/43)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Bowland Dairy Products Ltd (Barrowford, Lancashire, Ir-Renju Unit) (rappreżentanti: J. Milligan, solicitor, D. Anderson, QC, u A. Robertson, barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Oliver, J.-P. Keppenne u L. Parpala, aġenti)

### Suġġett

Fl-ewwel lok, talba għall-annullament tal-allegat rifjut tal-Kummissjoni li xxandar, fil-kuntest tas-sistema ta' allarm malajr prevista fl-Artikolu 50 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KEE) 178/2002, tat-28 ta' Jannar 2002, li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, p.1), notifikazzjoni addizzjonali li tiddikjara l-ftehim tal-Foods Security Agency tar-Renju Unit għall-kummerċjalizzazzjoni tal-ġobon moxx prodott mir-rikorrenti u, fit-tieni lok, talba ta' kumpens għad-dannu allegatament sostnut mir-rikorrenti minħabba dan ir-rifjut

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- (2) Bowland Dairy Products Limited għandha tbat i-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 237, 30.9.2006.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-29 ta' Ottubru 2009**  
— **Peek & Cloppenburg vs UASI — Redfil (Agile)**

(Kawża T-386/07) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Agile — Trade marks Komunitarji u nazzjonali verbali preċedenti Aygill's — Raġuni relattiva għal rifjut — Probbabbiltà ta' konfużjoni — Xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]”)*

(2009/C 312/44)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Peek & Cloppenburg (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Dolde, A. Renck u V. von Bomhard, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment S. Laitinen, sussegwentement R. Pethke, aġenti)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: Redfil, SL (Barcellona, Spanja) (rappreżentant: C. Hernández Hernández, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Lulju 2007 (Każ R 1324/2006-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Peek & Cloppenburg u Redfil, SL.

### Dispożittiv

- (1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tas-26 ta' Lulju 2007 (Każ R 1324/2006-2) hija annullata.
- (2) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti minn Peek & Cloppenburg.
- (3) Redfil, SL għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 297, 08.12.2007